32006D0661

L 272/18 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 3.10.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-29 ta' Settembru 2006

fir-rigward ta' kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għas-sena 2006, lil ċerti laboratorji ġodda ta' referenza tal-Komunita fil-qasam tal-kontroll ta' l-ikel u l-għalf

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 4277)

(It-testi bil-lingwa Spanjola, Daniża, Ġermaniża, Ingliża, Franċiża, Taljana, Olandiża, u Żvediża biss huma awtentiċi)

(2006/661/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifika tal-konformità mal-liġi ta' l-għalf u l-ikel, mas-saħħa ta' l-annimali u mar-regoli dwar il-*welfare* ta' l-annimali ([1]), u partikolarment l-Artikolu 32(7) tiegħu,

Billi:

(1) Il-laboratorji ta' referenza tal-Komunità fil-qasam tal-kontroll ta' l-ikel u l-għalf jistgħu jingħataw kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità skond l-Artikolu 28 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-ispiża fil-qasam veterinarju ([2]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 156/2004 tad-29 ta' Jannar 2004 dwar l-assistenza finanzjarja tal-Komunità lil laboratorji ta' referenza tal-Komunità skond l-Artikolu 28 tad-Deċiżjoni 90/424/KEE ([3]) jipprevedi li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tingħata jekk il-programmi ta' ħidma approvati jitwettqu b'mod effiċjenti u jekk il-benefiċjarji jfornu l-informazzjoni kollha meħtieġa f'ċerti limiti ta' żmien.

(3) F'Lulju 2005 il-Kummissjoni nediet sejħa għall-għażla u l-ħatra ta' laboratorji ta' referenza tal-Komunità ġodda fil-qasam tal-kontroll ta' l-ikel u l-għalf. Il-valutazzjoni ta' l-applikazzjoni ntemmet f'Diċembru 2005 u r-riżultati ġew innotifikati lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kkonċernati. Wara din l-evalwazzjoni, il-kandidati li kellhom suċċess ġew magħżula biex jinħatru laboratorji ġodda ta' referenza tal-Komunità.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 776/2006 tat-23 ta' Mejju 2006 li jemenda l-Anness VII għar-Regolament Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-laboratorji ta' referenza tal-Komunità ([4]) ħatar laboratorji ġodda ta' referenza tal-Komunità fl-oqsma li ġejjin: il-Listeria monocytogenes, il-Coagulase positive Staphylococci, l-Escherichia coli, inkluż l-Verotoxigenic E. coli (VTEC), il-Campylobacter, parassiti (b'mod partikolari t-Trichinella, l-Echinococcus, l-Anisakis), reżistenza għall-antimikrobiċi, proteini ta' l-annimali fl-għalf, residwi tal-pestiċidji (ikel li joriġina mill-animali u komoditajiet b'kontenut għoli ta' xaħam, cereali u għalf, frott u ħxejjex inklużi komoditajiet b'kontenut għoli ta' ilma u aċtu, u metodi ta' monoresidwi għal matriċijiet kollha msemmija qabel), u dijossini u PCBs fl-ikel u fl-għalf.

(5) Il-Kummissjoni vvalutat il-programmi ta' ħidma u l-estimi ta' baġit korrispondenti, ippreżentati mil-laboratorji ta' referenza tal-Komunità li nħatru ġodda għas-sena 2006.

(6) Għalhekk, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għandha tingħata lil-laboratorji ta' referenza tal-Komunità maħtura biex iwettqu l-funzjonijiet u ħidmiet definiti fir-Regolament (KE) Nru 882/2004. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 100 % ta' l-ispejjeż eliġibbli kif definiti fir-Regolament (KE) 156/2004.

(7) Flimkien ma' l-għajnuna finanzjarja mill-Komunità, aktar għajnuna għandha tingħata għall-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' ħidma f'oqsma li jaqgħu taħt ir-responsabilità tal-laboratorji ta' referenza tal-Komunità.

(8) L-għajnuna finanzjarja għal laqgħat ta' ħidma organizzati mil-laboratorji ta' referenza tal-Komunità għandha tikkonforma mar-regoli ta' eliġibbiltà stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 156/2004 u tkun limitata għal 30 parteċipant.

([1]) ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1. Ir-Regolament kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 776/2006 (ĠU L 136, 24.5.2006, p. 3).

([2]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2006/53/KE (ĠU L 29, 2.2.2006, p. 37).

([3]) ĠU L 27, 30.1.2004, p. 5.

([4]) ĠU L 136, 24.5.2006, p. 3.

(9) Skond l-Artikolu 3(2)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni [1], il-miżuri tas-saħħa tal-veterinarja u l-pjanti huma ffinanzjati taħt it-Taqsima tal-Fond Ewropew Agrikolu ta' Gwida u Garanzija.

(10) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-Komunità tagħti kontribuzzjoni finanzjarja lil Franza għall-funzjonijiet u d-dmirijiet previsti taħt l-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) 882/2004, li jridu jitwettqu mill-*Laboratoire d'études et de recherches sur la qualité des aliments et sur les procédés agroalimentaires (LERQAP)*, Maisons-Alfort, Franza, fir-rigward ta' l-analiżi u l-ittestjar tal-*Listeria monocytogenes*.

Għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Lulju 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006, din l-għajnuna finanzjarja m'għandhiex taqbeż id-98 000 EUR.

2. Flimkien ma' l-ammont massimu previst fil-paragrafu 1, il-Komunità tagħti kontribuzzjoni finanzjarja lil Franza għall-organizzazzjoni ta' laqgħa ta' ħidma mil-laboratorju msemmi fil-paragrafu 1. Din il-kontribuzzjoni mhijiex se tiskorri t-30 000 EUR.

Artikolu 2

1. Il-Komunità tagħti kontribuzzjoni finanzjarja lil Franza għall-funzjonijiet u d-dmirijiet previsti taħt l-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) 882/2004, li jridu jitwettqu mill-*Laboratoire d'études et de recherches sur la qualité des aliments et sur les procédés agroalimentaires (LERQAP)*, Maisons-Alfort, Franza, fir-rigward ta' l-analiżi u l-ittestjar tal-Coagulase positive *Staphylococci*, inkluż *Staphylococcus aureus*.

Għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Lulju 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006, din il-kontribuzzjoni finanzjarja m'għandhiex taqbeż is-66 000 EUR.

2. Flimkien ma' l-ammont massimu previst fil-paragrafu 1, il-Komunità tagħti kontribuzzjoni finanzjarja lil Franza għall-organizzazzjoni ta' laqgħa ta' ħidma mil-laboratorju msemmi fil-paragrafu 1. Din il-kontribuzzjoni mhijiex se tiskorri t-30 000 EUR.

Artikolu 3

1. Il-Komunità tagħti kontribuzzjoni finanzjarja lill-Italja għall-funzjonijiet u dmirijiet previsti fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) 882/2004 li jridu jitwettqu mill-*Istituto Superiore di Sanità (ISS)*, Ruma, l-Italja, fir-rigward ta' l-analiżi u l-ittestjar ta' l-*Escherichia coli* inkluż il-Verotoxigenic E. Coli (VTEC).

Għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Lulju 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006, din il-kontribuzzjoni finanzjarja m'għandhiex taqbeż it-68 000 EUR.

2. Flimkien ma' l-ammont massimu previst fil-paragrafu 1, il-Komunità tagħti kontribuzzjoni finanzjarja l-Italja għall-organizzazzjoni ta' laqgħa ta' ħidma mil-laboratorju msemmi fil-paragrafu 1. Din il-kontribuzzjoni mhijiex se tiskorri t-30 000 EUR.

Artikolu 4

1. Il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lill-Iżvezja għall-funzjonijiet u d-dmirijiet previsti fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, li jridu jitwettqu mill-*Statens Veterinärmedicinska Anstalt (SVA)*, Uppsala, l-Iżvezja, għall-monitoraġġ tal-*Campylobacter*.

Għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Lulju 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006, din il-kontribuzzjoni finanzjarja m'għandhiex taqbeż il-118 000 EUR.

2. Flimkien ma' l-ammont massimu previst fil-paragrafu 1, il-Komunità tagħti kontribuzzjoni finanzjarja lill-Iżvezja għall-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' ħidma mil-laboratorju msemmi fil-paragrafu 1. Din il-kontribuzzjoni mhijiex se tiskorri t-30 000 EUR.

Artikolu 5

1. Il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lill-Italja għall-funzjonijiet u dmirijiet previsti fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) 882/2004 li jridu jitwettqu mill-*Istituto Superiore di Sanità (ISS)*, Ruma, l-Italja, fir-rigward ta' l-analiżi u l-ittestjar ta' parassiti (b'mod partikolari t-*Trichinella*, *l-Echinococcus* u *l-Anisakis*).

Għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Lulju 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006, din il-kontribuzzjoni finanzjarja m'għandhiex taqbeż il-117 000 EUR.

2. Flimkien ma' l-ammont massimu previst fil-paragrafu 1, il-Komunità tagħti kontribuzzjoni finanzjarja lill-Italja għall-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' ħidma mil-laboratorju msemmi fil-paragrafu 1. Din il-kontribuzzjoni mhijiex se tiskorri t-30 000 EUR.

[1] ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 320/2006 (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42).

Artikolu 6

Il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lid-Danimarka għall-funzjonijiet u d-dmirijiet previsti fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, li jridu jitwettqu mid-*Danmarks Fødevareforskning (DFVF)*, Kopenhagen, id-Danimarka, għall-monitoraġġ tar-reżistenza mill-antimikrobiċi.

Għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Lulju 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006, din il-kontribuzzjoni finanzjarja m'għandhiex taqbeż il-128 000 EUR.

Artikolu 7

Il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lill-Belġju għall-funzjonijiet u dmirijiet previsti fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) 882/2004, li jridu jitwettqu mis-*Centre Wallon de Recherches agronomiques (CRA-W)*, Gembloux, il-Belġju, fir-rigward ta' l-analiżi u l-ittestjar ta' proteini ta' l-annimali fl-għalf.

Għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Lulju 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006, din il-kontribuzzjoni finanzjarja m'għandhiex taqbeż il-263 000 EUR.

Artikolu 8

1. Il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lill-Ġermanja għall-funzjonijiet u dmirijiet previsti fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) 882/2004 li jridu jitwettqu mill-*Chemisches und Veterinäruntersuchungsamt (CVUA)* Freiburg, il-Ġermanja fir-rigward ta' l-analiżi u l-ittestjar ta' residwi ta' pestiċidji fl-ikel li joriġina mill-annimali u komoditajiet b'kontenuit għoli ta' xaħam.

Għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Lulju 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006, din il-kontribuzzjoni finanzjarja m'għandhiex taqbeż il-150 000 EUR.

2. Flimkien ma' l-ammont massimu previst fil-paragrafu 1, il-Komunità tagħti kontribuzzjoni finanzjarja lill-Ġermanja għall-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' ħidma mil-laboratorju msemmi fil-paragrafu 1. Din il-kontribuzzjoni mhijiex se tiskorri t-30 000 EUR.

Artikolu 9

1. Il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lid-Danimarka għall-funzjonijiet u d-dmirijiet previsti fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, li jridu jitwettqu mid-*Danmarks Fødevareforskning (DFVF)*, Kopenhagen, id-Danimarka, fir-rispett ta' l-analiżi u l-ittestjar tar-residwi tal-pestiċidji fiċ-ċereali u l-għalf.

Għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Lulju 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006, dik il-kontribuzzjoni finanzjarja m'għandhiex taqbeż il-150 000 EUR.

2. Flimkien ma' l-ammont massimu previst fil-paragrafu 1, il-Komunità tagħti kontribuzzjoni finanzjarja d-Danimarka għall-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' ħidma mil-laboratorju msemmi fil-paragrafu 1. Din il-kontribuzzjoni mhijiex se tiskorri t-30 000 EUR.

Artikolu 10

1. Il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lil Spanja għall-funzjonijiet u dmirijiet previsti fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) 882/2004 li jridu jitwettqu mil-*Laboratorio Agrario de la Generalitat Valenciana (LAGV)/Grupo de Residuos de Plaguicidas de la Universidad de Almería (PRRG)*, Spanja, fir-rigward ta' l-analiżi u l-ittestjar ta' residwi ta' pestiċidji fil-frott u l-ħaxix, inkliż komoditajiet b'kontenuit għoli ta' ilma u aċtu.

Għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Lulju 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006, din il-kontribuzzjoni finanzjarja m'għandhiex taqbeż l-400 000 EUR.

2. Flimkien ma' l-ammont massimu previst fil-paragrafu 1, il-Komunità tagħti kontribuzzjoni finanzjarja lil Spanja għall-organizzazzjoni ta' laqħqat ta' ħidma mil-laboratorju msemmi fil-paragrafu 1. Din il-kontribuzzjoni mhijiex se tiskorri t-30 000 EUR.

Artikolu 11

1. Il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lill-Ġermanja għall-funzjonijiet u d-dmirijiet previsti fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, li jridu jitwettqu mill-*Chemisches und Veterinäruntersuchungsamt (CVUA)* Stuttgart, il-Ġermanja, fir-rispett ta' l-analiżi u l-ittestjar tar-residwi bil-metodu monoresidwi.

Għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Lulju 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006, din il-kontribuzzjoni finanzjarja m'għandhiex taqbeż it-300 000 EUR.

2. Flimkien ma' l-ammont massimu previst fil-paragrafu 1, il-Komunità tagħti kontribuzzjoni finanzjarja lill-Ġermanja għall-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' ħidma mil-laboratorju msemmi fil-paragrafu 1. Din il-kontribuzzjoni mhijiex se tiskorri t-30 000 EUR.

Artikolu 12

1. Il-Komunità tagħti għajnuna finanzjarja lill-Ġermanja għall-funzjonijiet u d-dmirijiet previsti fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, li jridu jitwettqu mill-*Chemisches und Veterinäruntersuchungsamt (CVUA)* Freiburg, il-Ġermanja, fir-rispett ta' l-analiżi u l-ittestjar tad-dijossini u l-PCBs fl-ikel u fl-għalf.

Għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Lulju 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006, din il-kontribuzzjoni finanzjarja m'għandhiex taqbeż l-400 000 EUR.

2. Flimkien ma' l-ammont massimu previst fil-paragrafu 1, il-Komunità tagħti kontribuzzjoni finanzjarja lill-Ġermanja għall-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' ħidma mil-laboratorju msemmi fil-paragrafu 1. Din il-kontribuzzjoni mhijiex se tiskorri t-30 000 EUR.

Artikolu 13

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità mesmmija fl-Artikoli 1 sa 12 għandha tkun bir-rata ta' 100 % ta' l-ispejjeż eliġibbli kif definiti fir-Regolament (KE) 156/2004.

Artikolu 14

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana u r-Renju ta' l-Iżvezja.

Magħmul fi Brussell, nhar id-29 ta' Settembru 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni